Kunsill Lokali Local Council

Ix-Xewkija

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 26**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Novembru 2025. Il-Laqgħa bdiet fl-16:50.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

Paul Azzopardi – Viċi-Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

Josef Charles Hili – Kunsillier

George Zammit - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Mejlak – Segretarju Eżekuttiv

**26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Inqraw l-apoloġiji tal-kunsillieri Josef Charles Hili u George Zammit.

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 25 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa morqija. Dawn ġew approvati unanimament.

**26.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

*Playingfield Ta'Ġokk*

Is-Sindku bdiet billi qalet li saret laqgħa mal-perit Shawn Micallef u il-pjanti li kienu saru ma kienux skond il-linji gwida tal-Projectgreen u għalhekk kellhom isiru xi emendi fihom. Dawn l-emendi saru u qed jerġgħu jiġu emendati il-BOQs.

*Tqabbid ta' nar fi Triq Sannat*

Is-Sindku qalet li saru lmenti li hemm individwu qed iqabbad in-nar ftit aktar l-isfel mill-kajselli u qed ikun hemm id-dħaħen, hija qalet li mhux illegali li jitqabbad in-nar pero hemm familja li jbatu minn kondizzjoni respiratorja u qed jilmentaw. Is-Sindku qalet li ser tipprova issib video u tiċċirkolah sabiex jinstab min qed iqabbad u jitkellmu mal-individwu.

Il-viċi-sindku qal li jridu jitkelmu ma dan l-individwu u jgħidulu li qed joħloq inkonvenjent.

*CCTVs*

Is-Sindku qalet li batu komunikazzjoni ta' l_ARMS li l-applikazzjonijiet ġew proċessati u issa kemm jaddu mill-proċess ta' l-Enemalta.

Il-cameras f'Ta' Blankas mhux qed jaħdmu u is-Sindku staqsiet dawn f'idejn min qegħdin sabiex jitranġaw. Ħadd ma kien jaf f'idejn min qegħdin.

**26.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**26.5 Triq il-Kanal, fondi minn TM;**

Is-Sindku qalet li qed ikun hemm ħafna tgergir rigward it-trailers li hemm ipparkjati fit-triq tal-heliport u qalet li saret laqgħa mal-Kunsill t'Għajnsielem, mal-community police u ma tal-

SP HM

LESA. Hija qalet li minn naha tagħhom Għajnsielem setgħu jagħmlu enforcement għax kellhom karrijiet u gabbani biss. Għalhekk sar qbil li flimkien mal-kunsill t'Għajnsielem il-kunsill japplika sabiex isiru bicycle lanes u pedestrian lanes u hekk il-pulizija jkunu jistgħu jipproċedu sabiex jitneħħew. Dan għandu jsir minn fejn iċ-ċimiterju t'Għajnsielem sa fejn il-chiropractor ix-Xewkija. Dan għandu jsir permess ta' applikazzjoni ma Transport Malta. Sar qbil unanimu li din l-applikazzjoni issir.

**26.6 Ġestjoni tal-fluss tat-traffiku;**

Is-Sindku ppreżentat l-aħħar pjanta ta' kif ser jiġi l-fluss tat-traffiku. TM issa qablu li l-bus stop ser titneħħa u qablu li minn Triq Indipendenza t-traffiku jitla l' fuq u jinżel minn Triq il-Mitħna. Dawk preżenti qablu. Triq il-Knisja ser tkun one way il-barra, Triq ir-Rotunda two way, Triq San Bert baqgħet two way. Triq il-Ħamrija l-parti ż-żgħira ser tibqa one way kif inhi. Is-Sindku qalet li hekk ser ikun hemm inqas influss tat-traffiku. Triq Santa Elizabetta ser tibqa kif inhi, t-traffiku jibqa' sejjer l-isfel.

Ġie mistoqsi Triq Rotunda hix triq privata, il-viċi sindku qal li ġa la darba ingħataw is-servizzi din għandha tiġi triq pubblika, għandu jiġi ikkuntatjat il-perit sabiex jagħmel l-applikazzjoni LC1 fuq Triq Rotunda.

Is-Sindku qalet li meta jkun hemm l-approvazzjoni tat-TM, tavża lill INDIS u lil community police bil-pjanti l-ġodda.

Dawk preżenti qablu mal-pjanta.

Is-Sindku issuġġeriet li għalissa jingħata ċans tlett xhur kif tippermetti l-liġi u jsir evalwazzjoni.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li qed ikun hemm ilmenti li fi Triq Ħaġret l-Armi hemm bżonn double yellow lines jew xi tip ta' maniġġjar tat-traffiku għax qed igħaddu ħafna trakkijiet. Il-viċi-sindku ssuġġerrixxa one white line.

**26.7 Jum ix-Xewkija;**

Is-Sindku qalet li l-informazzjoni mitluba minn ħabba r-rikonoxximenti kwazi lesta. Is-Seg. Eżekuttiv qalet li għandu joħroġ l-invit mal-bulettin. Ġie diskuss l-andament ta' kif għandu jsir l-avveniment. Is-Sindku qalet li kien hemm ftehim li l-kunsill ser iħallas t-trophies tal-boċċi, u issa intbagħtet talba minn tal-futbol biex jitħallsu t-trophies tat-tournament tal-futbol għal Jum ix-Xewkija. Qed jagħmlu t-talba għal €500, dawk preżenti qablu.

**26.8 Attivitajiet tal-Milied;**

Ġie deċiz li d-dwal tal-milied jinxtegħlu f'Jum ix-Xewkija wara l-quddiesa. Għandha ssir buttuna sabiex jinxtegħlu d-dwal. Is-Sindku staqsiet hux ser tiġi organizzata xi attivita għat-tfal. Ġie deċiż li ssir attivita fi Ġnien ta' Blankas fit 3 ta' Jannar 2026, jsir film, attivitajiet u xi ħaġa żgħira tal-ikel. Il-kunsillera Jeanelle Attard għandha tkellem lil tal-cadets.

SZ MM

**26.9 Measure 4.4;**

Is-Seg. Eżekuttiv spjegat li l-skema tal-Measure 4.4 li kien ilha mit-2019 għadha ma ngħalqitx u qeda ssib diffikulta biex tagħlaqha għaliex hemm id-dokumenti neqsin. Il-proġett kien suppost ġie jiswa fuq €137,000 pero l-proġett kull ma ġie jiswa huwa €58,000 u hemm fondi ser jintilfu. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat li ma kienx qed ikun hemm tweġibiet mill-kunsill u l-fondi kien ser jiġu mitluba biex jintraddu lura kollha fejn kien hemm is-somma ta €98,000.

Hija spjegat li l-perit qal li l-ħitan ma kellhomx għalfejn jinqalgħu kollha.

Il-viċi-sindku qal li l-affarijiet jiġu diskussi fil-laqgħa pero mbad l-amministrazzjoni issir mill-kunsill.

Is-Seg.Eżekuttiv spjegat li l-kunsill ser ikollu jrodd it- €35,000 mis-Central Bank u qed tikkalkula li l-kunsill ser ikollu jrodd fuq €25,000.

Il-viċi-sindku qal li dawn l-affarijiet qatt ma' ġew diskussi fil-kunsill.

Is-Seg. Eżekuttiv spjegat li din tressqet fil-laqgħa sabiex kulħadd ikun infurmat.

**26.10 Passjoni – Ġnien Ta' Blankas;**

Is-Sindku wriet ix-xewqa tagħha li terġa tibda tittella l-passjoni li kienet tittella qabel. Jittella Kumitat magħmul mis-sindku, l-kunsillera Jeanelle Attard, Chris, l-Arċipriet, Luke Galea u Teddy Mizzi.

Hija tenniet li jista' jsir xi bejgħ ta'inbid u żejt taż-żebbuġ fl-attivita ukoll. Il-kunsilliera Jeanelle Attard qalet li għal din l-attivita trid issir applikazzjoni għall-fondi għax tiġi tqum ħafna flus.

Sar qbil minn dawk preżenti li din l-attivita tittella'.

**26.11 Manifattura taż-żejt;**

Is-Sindku staqsiet lil dawk preżenti hemmx xi ftehim li kien sert jibda jingħasar iż-żebbuġ ta' Ġnien ta' Blankas. Hija staqsiet dawk preżenti jaqblux li jibda jintgħasar iż-żebbuġ. Li jinvolvi hu l-ispiza tal-magna ta' l-għasir li tiswa madwar €300 u ser jiġi nvolut il-ministeru ukoll sabiex igħin lil-kunsill f'din l-ispiza, l-bqija jiġi nkarigat xi ħadd biex jieħu ħsieb l-għasir.

Dawk preżenti qablu li dan isir.

**26.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

L-iskeda tal-pagamenti 11/2025 ġiet approvata u ffirmatha.

SRAH

**26.13 Korrispondenza u Ilmenti;**

- Il-Patrun Taghna
- Cir AKL 2025/064_Invitation: International Colloquium on the Right of Children to Participate (Malta, 19-21 Nov 2025)
- Stedina Speċjali – Recital tal-Kor Enchiriadis fil-Knisja Kollegjata, Parrocca , ta' San Lawrenz, Vittoriosa, Birgu.
- Cir AKL 2025/063_Christmas Get Together Gala Night 19/12/2025
- Plan of Action – MGP
- Cir AKL 2025/067_Light, Unite, Ignite - Team Building Event 2025_21/11/2025
- Gozo 100 Book Launch
- Invitation: Online Booklet Launch 22/11 15:00 - 16:00
- Ċirkulari Nru 06/2025 - Allokazzjoni Finanzjarja għall-2026
- Cir AKL 2025/068 Children's Peace March 2025
- Invitation to Xewkija Primary School Christmas Concert & Celebration Day 2025
- Libreriji fl-apert - Ftehim bejn l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u l-Kunsill Lokali tax-Xewkija
- Cir AKL 2025/069_Expo - Inspiring Change: Councillors Shaping Stronger, Healthier Communities! 04/12_05/12/2025
- Cir AKL 2025/066_Enemalta - Street Lighting Retrofitting Project
- Recreation area communication from projectgreen that the area is private – il-perit għandu jagħmel LC1 sabiex niċċekjaw
- Gaetano Vella qed jitlob li hemm stop sign ma bini antik li mhux tiegħu – mhux approvat
- Maria Mercieca qed titlob li fi Triq l-Imġarr ġgandu jsir xi ħaġa sabiex ikunu jistgħu joħorgu, il-kunsill m'approvax
- Il-pulizija ssuġġerew li jsiru bollards fejn il-monti – il-kunsill m'approvax
- Talba biex isir xi dawl fi Triq Għajn Qatet – il-kunsill iddeċieda li t-triq ma tagħmilx max-Xewkija
- Talba minn Brian Gatt ta' l-INDIS fejn qed jitlob li fil-kantuniera ta Triq il-Biċċerija titwaħħal mera u stop sign għax qed isiru ħafna inċidenti – nitolbu l-planning sabiex nikkonfermaw ma min tagħmel iz-zona

SR MM

- Talba minn Francesco Azzopardi fi Triq il-Ħamsin għad dawl għax it-triq imdalma – biex niċċekjaw iridux li ssir il-bozza mal-faċċata

**26.14 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa ntemmet fis-18:50 u ġiet aġġornata għat-Tlieta 23 ta' Diċembru 2025 fl-16:30

Kkonfermati llum 23/12/2025

Simona Refalo
Sindku

Marion Mejlak
Segretarju Eżekuttiv